MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2004

Avviz Numru. 358/1998/1

**Joseph Scerri f'ismu proprio**
**u f'isem id-ditta G & A Autoparts Ltd**

**Vs**

**Emanuel Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur pro et nomine talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:-

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni tat-3 ta' Settembru 1996 gewwa Tarxien bejn il-vettura numru T-1142 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru R-1581, propjeta' tal-attur u misjuqa minn Joseph Scerri ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-istess attur.

2. Tillikwida dawn id-danni residwali fis-somma ta' tmien mija u tnejn u erbghin Lira Maltin u seba' centezmi (Lm842.07) (skond Dok A) jew somma verjuri illi tigi likwidata minn dina l-Qorti bl-opera ta' periti u esperti nominandi.

3. tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur, s-somma ta' tmien mija u tnejn u erbghin Lira Maltin u seba' centezmi (Lm842.07) jew somma verjuri illi tigi likwidata minn dina l-Qorti, rapprezentanti d-danni minnu kkawzati.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra gudizzjarja tat-2 ta' Ottubru 1997, u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika lill-konvenut tal-imsemmija ittra.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 7 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes billi l-Assikurazzjonijiet rispettivi tal-partijiet kienu gia qablu u dana qabel ma gie ippresentat l-Avviz, illi r-responsabbilta ghal dan l-incident kella tigi apporzjonata b'nofs bejn iz-zewg sewwieqa.

2. Illi in vista ta' dan l-arrangament, l-assikurazzjoni tas-socjeta attrici gia hallset lill-eccipjenti nofs id-danni tieghu.

3. Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, mill-<u>iskizz u rapport</u> tal-incident esebiti minnu <u>PS 196 Alfred Cristina</u> (fol 24 et seq ibid) l-incident in esami kien jinvolvi zewg vetturi, wahda tal-marka 'Hillman Hunter' misjuqa minn <u>Emanuel Spiteri</u> aventi in-numru ta' registrazzjoni T 1142 u ohra 'Toyota van' misjuqa minn <u>Joseph Scerri</u> bin-numru ta' registrazzjoni R 1581. L-istess incident kien gara f'triq li taghti ghal Rahal il-Gdid u

jidher li kien hemm zewg toroq involuti fil-Gudja cjoe Triq Lorenza Gonzi u Triq it-Tamal. B'referenza ghar-rapport imsemmi (fol 27) ma jidhirx li gew verbalizzati il-versjonijiet rispettivi tal-partijiet involuti izda jinghad 'skond stharrig li sar irrisulta li karozza numru T 1142 (misjuqa mill-konvenut) kienet qed tinsaq fi Triq Lorenzo Gonzi lejn id-direzzjoni ta' Paola filwaqt li van numru R 1581 (misjuq minn Jopseh Scerri) kienet qed tinsaq fi Triq it-Tamal lejn id-direzzjoni tal-Gudja u hekk kif waslu fil-kantuniera saret il-kollizzjoni. Dwar l-istess <u>lokalita</u>, l-attur stess esebixxa diversi <u>ritratti</u> (fol 31 u fol 32 ibid) mehudin minnu. Dwar ir-ritratt wahdu a fol 32, l-attur spjega li dan kien juri t-triq minn fejn kien hiereg il-konvenut. Fuq l-istess ritratt, tidher 'stop sign' li, pero' ma kienitx hemm meta saret din il-habta.

Illi dwar l-incident in esami, l-attur (fol 30 u fol 31 u fol 35 ibid) semma li, qabel id-daqqa, <u>ma kienx ra l-vettura misjuqa mill-konvenut</u> izda sostna li din kienet hierga minn Triq Lorenzo Gonzi li hi wahda laterali. Inoltre hu specifika ulterjorment 'li kieku is-sewwieq tal-vettura l-ohra kien fuq is-side tieghu, hu kien jarani'. Dwar dan hu kompla jghid '…. Il-konvenut , meta kien hiereg minn din it-triq, kien fuq in-naha fejn hemm l-arblu (ara ritratt a fol 32) cioe fuq in-naha tal-lemin tat-triq'. Fl-ahharnett, l-attur semma' ukoll li l-hsara fil-vettura misjuqa minnu kienet fuq wara fuq ix-xellug u li l-assikurazzjoni tieghu wara li kien informaha b'dan l-incident kienet bidlet l-opinjoni taghha originali u informatu li '… kellna niehdu hamsin fil-mija tat-tort'. Filfatt hu ammetta li l-assikurazzjoni tal-konvenut kienet offrietlu "nofs id-danni tieghu bhala hlas" liema offerta giet rifjutata minnu waqt li zied li 'illum sirt naf li l-assikurazzjoni tieghi hallset nofs id-danni lill-konvenut'.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-konvenut</u> (fol 37 u fol 38 u fol 50 ibid) spjega li hu kien hiereg minn Triq Lorenzo Gonzi 'u l-iehor minn triq ohra' liema toroq huma '<u>f'forma ta' salib</u>'. Inoltre, hu zied jghid illi "… Hadd minna ma waqaf'. Hu kkonferma ulterjorment li l-'stop signs' fl-istess lokalita' kienu saru wara din il-habta u li l-assikurazzjoni tal-istess attur kienet hallset

nofs l-ispejjes tieghu. Dwar dan il-punt gie prodott Raymond Bugeja (fol 43 ibid) in rappresentanza tas-socjeta' assikuratrici tal-attur spjega li dan kien assikurat bhala '3rd party full' u kkonferma li s-socjetajiet assikuratrici rispettivi kienu ftehmu 'fifty/fifty' dwar ir-responsabilta' ta' dan l-incident, 'minghajr pregudizzju ghad-drittijiet tal-assikurat taghna' u filfatt il-konvenut kien thallas 50% tad-danni li dan garrab fil-vettura tieghu. L-istess xhud esebixxa fotokopja tal-'claim form' maghmula mill-attur (fol 45 sa fol 49 ibid). Fl-ahhar nett, hu semma li f'dan il-kaz, ma kien sar l-ebda pagament f'surroga minhabba it-tip ta' assikurazzjoni li kellu l-attur, kif hawn fuq deskritta.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess, irrisulta li s-socjetajiet assikuratrici rispettivi kienu ftehmu, accettanti l-konvenut li r-responsabilta ghal dan l-incident kellha tigi akkolata, b'mod ugwali, bejn is-sewwieqa involuti. Dwar dan jidher li tali ftehim ma kienx gie accettat mill-attur. Illi, mill-analisi li saret tax-xhieda tal-istess attur, jidher li hu kien tal-opinjoni li tali responsabilta kienet unikament tal-konvenut fuq basi altament soggettiva u spekulattiva u fuq valutazzjoni ta' x'haseb hu li kien il-mod li kif saq il-konvenut. Certament din il-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzjoni li dan l-incident kien gara' minhabba sewqan traskurat da parti tal-konvenut a basi ta' dak li xehed l-attur kif hawn fuq premess.

Illi l-istess Qorti tara li kien jkun prudenti ghall-attur li jaccetta dak li gie konklus mis-socjeta assikuratrici tieghu stess.

Illi in rigward il-konvenut jidher car u evidenti li dan accetta nofs ir-responsabilta ghal dan l-incident, liema fatt jirrizulta mill-stess xhieda tieghu, anke in rigward dak li qal dwar id-dinamika tal-istess incident.

Illi, ghalhekk, l-istess Qorti ser taccetta dak li gie eccepit mill-konvenut, kif hawn fuq premess waqt li tirrileva li l-

‘quantum’ ta’ danni specifikat fl-avviz bl-ebda mod ma gie kontestat minnu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa ‘in parte’ it-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala ko-responsabbli ghal dan l-incident fi kwota ta’ nofs (1/2).
2. Tillikwida l-ammont globali ta’ danni kagunati fil-vettura tal-attur fis-somma ta’ Lm842.07,0 u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur pro et noe s-somma ta’ Lm421.03,5 bl-imghax legali mid-data ta’ din is-sentenza sal-pagament effettiv.

In rigward l-ispejjes, tenut kont illi l-eccezzjoni sottomessa mill-konvenut qed tigi milqugha, dawn ghandhom jithallsu kollha kemm huma, mill-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------